



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

10860/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0273 (NLE)

AGRI 336
FORETS 27
DEVGEN 125
ENV 501
RELEX 623
JUR 336
PROBA 17
UD 153
COASI 176

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar l-infurzar tal-liġi, il-governanza u l-kummerċ fis-settur forestali
----------	--

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta' ...

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni,
tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarju
bejn l-Unjoni Ewropea
u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam
dwar l-infurzar tal-liġi, il-governanza u l-kummerċ fis-settur forestali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(3), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) F'Mejju 2003, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill intitolata "Forest Law Enforcement, Governance and Trade (FLEGT): Proposal for an EU Action Plan" (L-Infurzar tal-Liġi, il-Governanza u l-Kummerċ fis-Settur Forestali (FLEGT): Proposta għal Pjan ta' Azzjoni tal-UE"), li għamlet appell biex jittieħdu miżuri sabiex jiġi indirizzat il-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam billi jiġu żviluppati ftehimiet ta' sħubija volontarji ma' pajjiżi li jipproduċu l-injam (il-"Pjan ta' Azzjoni tal-UE"). Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE ġew adottati f'Ottubru 2003¹ u l-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar dak is-suġġett fis-7ta' Lulju 2005².
- (2) Fil-5 ta' Diċembru 2005, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati għal ftehimiet ta' sħubija ma' pajjiżi li jipproduċu l-injam sabiex jiġi implimentat il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE.
- (3) Fl-20 ta' Diċembru 2005, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 2173/2005³ li stabbilixxa skema tal-ħruġ tal-liċenzji FLEGT għall-importazzjonijiet tal-injam fl-Unjoni minn pajjiżi li magħhom l-Unjoni kkonkludiet ftehimiet ta' sħubija volontarji.

¹ ĠU C 268, 7.11.2003, p. 1.

² ĠU C 157E, 6.7.2006, p. 482.

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjoni ta' injam fil-Komunità Ewropea (ĠU L 347, 30.12.2005, p. 1).

- (4) In-negozjati mar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam ġew konklużi pożittivament, u l-Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar l-infurzar tal-liġi, il-governanza u l-kummerċ fis-settur forestali ("il-Ftehim") ġie inizjalat fil-11 ta' Mejju 2017.
- (5) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar f'isem l-Unjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar l-infurzar tal-liġi, il-governanza u l-kummerċ fis-settur forestali huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim imsemmi¹.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni..

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ It-test tal-Ftehim ser jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.